# Aa

## abjad (a)
Kulur. Xi ħaġa **bajda**.
Ħafna affarijiet **bojod**.

## affarijiet (n)
Oġġetti.

## agħar (a)
Inqas tajjeb minn xi ħaġa: ħażin. (opp. **aħjar**)

## aħbar (n)
Informazzjoni dwar dak li qed jiġri. Ħafna **aħbarijiet**.

## aħdar (a)
Kulur. Eż. Il-ħaxix aħdar. Xi ħaġa **ħadra**. Ħafna affarijiet **ħodor**.



## aħmar (a)
Kulur. Eż. Dan it-tadam **aħmar**. Xi ħaġa **ħamra**. Ħafna affarijiet **ħomor**.

## aħna (pro)
Il-mod kif nirreferu għalina nfusna.

## aħwa (n)
Nies mill-istess familja, bl-istess omm u missier. Eż. Pawlu **ħu** Samira. Samira **oħt** Pawlu. Pawlu u Samira **aħwa**.

## ajruplan (n)
Mezz ta' trasport li jtir minn post għal ieħor. Ħafna **ajruplani**.



**aktar** (a)
Kwantità ikbar.

**alfabett** (n)
L-ittri li nużaw fil-lingwa biex niktbu. Ħafna **alfabetti**.

**anġlu** (n)
Kreatura bil-ġwienaħ li tgħix fis-sema. Ħafna **anġli**.



**annimal** (n)
Kreatura ħajja li mhix pjanta. Ħafna **annimali**.

**antik** (a)
Għandu ħafna żmien. Eż. Dak senduq **antik**. Xi ħaġa **antika**. Ħafna affarijiet **antiki**.

**anzjan** (n)
Bniedem li għandu 'l fuq minn 60 sena. Mara **anzjana**. Nies **anzjani**.



**aptit** (n)
Xewqa għal xi ħaġa x'tiekol. Eż. Kelli **aptit** xi ħaġa ħelwa wara l-ikel.

**aqwa** (a)
Aħjar minn xi ħadd jew xi ħaġa oħra. Eż. Dan it-tim **aqwa** mill-ieħor.

## arblu (n)
Oġġett twil, dejjaq u wieqaf, magħmul mill-metall jew l-injam. Eż. Mal-arblu hemm bandiera kbira. Ħafna **arbli**.



## argument (n)
Nuqqas ta' qbil. Ħafna **argumenti**.

## arja (n)
Dak li għandna bżonn biex nieħdu n-nifs u ngħixu. Ħafna **arja**.

## arloġġ (n)
Oġġett li tilbsu ma' idek biex jurik il-ħin. Ħafna **arloġġi**.



## art (n)
(1) Il-wiċċ tad-dinja.
(2) Pajjiż, art twelidek.
Ħafna **artijiet**.

## artal (n)
Mejda f'maqdes fejn issir ċelebrazzjoni. Ħafna **artali**.

## arti (n)
Pittura, skultura, tpinġija jew xogħol kreattiv ieħor magħmul minn artist jew artista.